MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 506/2010

**Jason Gatt**

**Vs**

**Joe Cassar fil-kwalità tieghu ta' Chief Executive tal-Kunsill Malti ghall-Isport**

**Il-Qorti**,

Rat l-Avvizipprezentat minn Jason Gatt fis-26 ta' Novembru 2010 permezz ta' liema jitlob li Joe Cassar, fil-kwalità tieghu ta' Chief Executive tal-Kunsill Malti ghall-Isport, jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' tlett elef mitejn u hamsin Euro (€3,250) jew somma verjuri, bilanc minn somma akbar rapprezentanti xoghol ta' tikhil fuq il-fil li kien sar minnu fil-pixxina nazzjonali f' Tal-Qroqq, limiti ta' l-Imsida, liema xoghol sar oltre dak originarjament miftiehem fil-kuntratt ta' appalt;

Rat ir-Risposta tal-konvenut nomine permezz ta' liema jeccepixxi li t-talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) l-ammont reklamat minnu ma huwiex dovut peress illi huwa thallas a saldu ta' dak kollu dovut lilu ghall-appalt li gie inkarigat jesegwixxi; (ii) huwa, osia l-konvenut, ma huwiex responsabbli ghall-hlas ta' kwalunkwe xoghlijiet li gew esegwiti oltre dak originarjament miftiehem fil-kuntratt ta'

appalt; u li (iii) il-hlas zejjed pretiz ma jistax isir peress illi jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Public Procurement Regulations, Avviz Legali 296 ta' l-2010 u Avviz Legali 177 ta' l-2005, li jiregolaw il-Kunsill Malti ghall-Isport;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tat-30 ta' Mejju 2011[1] u tal-31 ta' Ottubru 2011[2] u x-xhieda tal-Perit Joe Bugeja moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011[3], rat id-dokumenti markati Dok. "PF1" u Dok. "PF2" a fol. 22 u 23 tal-process u rat l-affidavit ta' l-attur markat Dok. "JG" u d-dokument anness mieghu markat Dok. "JG1" esebiti permezz ta' Nota pprezentata fit-2 ta' Frar 2012, a fol. 30 sa' 35 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-Difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat**:

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenut fil-kwalità tieghu ta' Chief Executive tal-Kunsill Malti ghall-Isport, jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' €3,250 jew somma verjuri, bilanc minn somma akbar rapprezentanti xoghol ta' tikhil fuq il-fil li sar fil-pixxina nazzjonali f'Tal-Qroqq, limiti ta' l-Imsida, liema xoghol sar oltre dak originarjament miftiehem f'kuntratt ta' appalt. Il-konvenut nomine jilqa' ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) l-ammont reklamat mill-attur mhux dovut stante li l-attur thallas a saldu ta' dak dovut lilu ghall-appalt li gie inkarigat jaghmel; (ii) huwa ma huwiex responsabbli ghall-hlas ta' kwalunkwe xoghlijiet li gew esegwiti oltre dak originatjament miftiehem fil-kuntratt ta' appalt; u (iii) il-hlas zejjed pretiz mill-attur ma jistax isir peress illi jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Public Procurement Regulations, Avviz Legali 296 ta' l-2010 u Avviz Legali 177 ta' l-2005, li jirregolaw il-Kunsill Malti ghall-Isport.

Huwa inkontestat bejn il-partijiet kontendenti li l-attur gie moghti t-*Tender for the Façade Refurbishment Works at the Scoreboard Block National Pool Complex Tal-Qroqq* li kien jikkonsisti f'xoghol fuq il-hitan, b'kejl totali ta' 500m$^2$ - u dan skond kif specifikat fit-*Tender* - fejn kellu jitkahhal il-fil tal-hitan u kien hemm ukoll xoghol ta' bdil ta' qoxra. Il-valur totali ta' dan ix-xoghol kien ta' €8,083 kalkolat bir-rata ta' €15.84 il-metru kwadru ghax-xoghol tal-fil u bir-rata ta' €6.52 il-metru kwadru ghall-kumplament[4]. Malli gie kompletat ix-xoghol u gie vverifikat il-kejl irrizulta li x-xoghol tal-fil esegwit mill-attur kien ta' 705m$^2$ u mhux 500m$^2$ kif indikat fit-*Tender* b'dana ghalhekk li sar xoghol iktar minn dak originarjament miftiehem f'kejl ta' 205m$^2$. Ghalkemm l-attur thallas is-somma pattwita ta' €8,083, kif minnu stess ammess fl-affidavit tieghu Dok. "JG" a fol. 31 u 32 tal-process, huwa ma thallasx ghax-xoghol zejjed esegwit, ossia ghall-kejl ta' 205m$^2$. Huwa jesigi li jithallas ghal dan ix-xoghol zejjed in kwantu fl-ewwel lok gie minnu esegwit u anke peress illi f'cirkostanzi fejn gie inkarigat mill-Gvern jew

[1] Fol. 14 tal-process.
[2] Fol. 24 u 25 tal-process.
[3] Fol. 26 sa' 28 tal-process.
[4] Vide Dok. "JG1" anness ma' l-affidavit ta' l-attur, fol.34 tal-process.

minn Awtorità u x-xoghol esegwit irrizulta f'kejl inqas minn dak dikjarat fit-*Tender* partikolari huwa thallas skond ix-xoghol effettivament esegwit u mhux il-prezz patwit u allura jippretendi li fis-sitwazzjoni inversa, ossia fejn ix-xoghol esegwit kien iktar minn dak originarjament miftiehem, huwa jithallas tax-xoghol esegwit u mhux biss il-prezz pattwit. F'tali rigward fl-affidavit tieghu l-attur jafferma li: *nixtieq imsemmi li f'okkazzjonijiet ohra fejn il-kejl instab li huwa inqas minn dak indikat fit-tender huma dejjem naqqsu d-differenza u tawni inqas mis-somma imsemmija fit-tender. Ghalhekk f'dan il-kaz fejn l-izball huwa fis-sens li kelli naghmel iktar xoghol inhoss li ghandi nithallas tieghu*[5].

Il-konvenut nomine ma jichadx li x-xoghol gie esegwit mill-attur izda jikkontendi li il-hlas minnu pretiz ma jistax jigi effettwat in kwantu jmur kontra dak provdut fir-Regolamenti dwar Kuntratti Pubblici li dahlu in vigore bis-sahha ta' l-Avviz Legali 177 ta' l-2005 u ta' l-Avviz Legali 296 ta' l-2010, li skontu jirregolaw il-Kunsill Malti ghall-Isport.

Jibda biex jigi osservat li r-Regolamenti dwar Kuntratti Pubblici applikabbli fil-kaz in ezami huma dawk li dahlu in vigore bl-Avviz Legali 177 ta' l-2005, ossia r-Regolamenti ta' l-2005 dwar Kuntratti Pubblici, u mhux ir-Regolamenti dwar Kuntratti Pubblici li dahlu in vigore bl-Avviz Legali 296 ta' l-2010 stante li dawn ir-Regolamenti dahlu fis-sehh fl-1 ta' Gunju 2010[6] filwaqt li x-xoghol in kwistjoni gie esegwit matul l-2009.

Ai termini tar-Regolament 3 tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Kuntratti Pubblici, kull kuntratt pubbliku moghti minn Awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 1 u kategoriazzati fi Skeda 2 u 3, fosthom il-Kunsill Malti ghall-Isport, ghandu jkun regolat b'dawk ir-Regolamenti. Dan ifisser ghalhekk li kuntratt pubbliku moghti mill-Kunsill Malti ghall-Isport ikun irid jigi moghti, konkluz u esegwit ai termini ta' dak provdut fl-imsemmija Regolamenti.

In kwantu rigwarda l-varjazzjonijiet fix-xoghol ir-Regolament 77 tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici kien jipprovdi li: *(1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tat-Taqsimiet IV, V, VI Sezzjoni A, Sezzjoni B, VI Sezzjoni C u VII,* ***fil-kazijiet kollha fejn ordnijiet ta' varjazzjoni individwalment jew fit-totalità taghhom jeccedu b'izjed minn hamsa fil-mija l-valur tal-kuntratt li jinghata, ghandha tinkiseb l-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur*** [ossia d-Direttur tal-Kuntratti] ***qabel ma' l-awtorità kontraenti tintrabat mal-kuntrattur***[7]. ***(2) Meta tkun qed titlob awtorizzazzjoni bhal dik, l-awtorità kontraenti ghandha tipprezenta dokument li jispecifika l-isfond ghall-kawza ta' dik il-varjazzjoni, l-effett fuq l-ispiza totali ta' l-offerta u kull effett fuq in-nefqa rikorrenti li jirrizulta***[8]. *(3) Meta jkun qed jaghti jew jirrifjuta dik it-talba ghal varjazzjoni, id-Direttur ghandu jispecifika x'ikun jidhirlu jekk dik il-varjazzjoni setghetx tigi evitata u l-procedura li ghandha fil-futur tigi segwita mill-awtorità kontraenti biex jigi evitat li dan jerga' jigri. (4) Id-Direttur*

[5] Dok. "JG" a fol. 31 u 32 tal-process.
[6] Regolament 1(2) tar-Regolamenti ta' l-2010 dwar il-Kuntratti Pubblici.
[7] Enfasi tal-Qorti.
[8] Enfasi tal-Qorti.

*ghandu jzomm notamenti shah dwar talbiet ghal varjazzjoni, inkluz l-isem tal-kuntrattur involut u dettalji tad-dokumenti specifikati fis-subregolamenti (2) u (3).*

Minn dan il-provvediment johrog car li meta l-varjazzjoni fix-xoghol tkun teccedi 5% tal-valur tal-kuntratt in kwistjoni hemm procedura partikolari li ghandha tigi segwita ghall-approvazzjoni ta' dik il-varjazzjoni **qabel** ma' l-istess xoghol zejjed jista' jigi esegwit. Fil-kaz in ezami jirrizulta li x-xoghol zejjed esegwit mill-attur kien ghall-kejl ta' 205m$^2$ u huwa qed jippretendi hlas ta' €3,247.20[9], kalkolat bir-rata ta' €15.84 ghal kull metru kwadru li hija r-rata pattwita ghax-xoghol tal-fil. Din is-somma però teccedi il-5% tal-valur tal-kuntratt, ossia tal-valur ta' €8,083[10], u ghalhekk il-procedura kontemplata fir-Regolament 77 tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici appena citat kellha tigi segwita, haga li però mill-provi prodotti ma jirrizultax illi saret.

In effetti ma tressqet l-ebda prova li dan ix-xoghol zejjed issa reklamat mill-attur gie awtorizzat mid-Direttur tal-Kuntratti qabel ma gie effettivament esegwit minnu u l-Perit Joe Bugeja, li kien il-Perit inkarigat mill-Kunsill ghall-Isport ghall-fini li jaghti konsulenza dwar dawn ix-xoghlijiet, xehed illi ghalkemm hu jew nies mill-ufficcju tieghu kienu qed jipprestaw xoghol ta' konsulenza teknika lill-Kunsill Malti ghall-Isport fir-rigward ta' dawn ix-xoghlijiet u tul l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet setghu taw parir tekniku biex isir xi xoghol mhux pattwit fit-*Tender*, huma ma taw l-ebda awtorizzazzjoni biex tali xoghol effettivament jigi esegwit. Huwa jghid illi *on site* kien ikun hemm koordinatur li kien jiehu hsieb dawn ix-xoghlijiet izda din il-persuna baqghet qatt ma giet indentifikata u ma tressqitx bhala xhud.

Fil-fehma tal-Qorti din il-prova, ossia jekk ix-xoghol zejjed esegwit mill-attur giex awtorizzat mid-Direttur tal-Kuntratti qabel ma gie esegwit, hija centrali ghall-kaz in ezami u n-nuqqas taghha serjament jimpingi fuq is-success tat-talba attrici.

Kif già iktar 'l fuq osservat ai termini tal-Ligi u senjatament tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Kuntratti Pubblici varjazzjonijiet li jeccedu 5% tal-valur tal-kuntratt **tassattivament** jehtieg li jigu awtorizzati mid-Direttur tal-Kuntratti **qabel** effettivament jigu esegwiti bil-konsegwenza ghalhekk li jekk tali xoghlijiet zejda jew ahjar varjazzjonijiet jigu esegwiti mill-kuntrattur minghajr il-prevja awtorizzazzjoni tad-Direttur tal-Kunrtatti huwa in realtà ma jkollu l-ebda dritt, la *ex lege* u wisq inqas *ex contractu*, li jesigi hlas ghall-istess minghand l-Awtorità kontraenti. Il-pretensjoni ta' l-attur li *f'okkazzjonijiet ohra fejn il-kejl instab li huwa inqas minn dak indikat fit-tender huma dejjem naqqsu d-differenza u tawni inqas mis-somma imsemmija fit-tender. Ghalhekk f'dan il-kaz fejn l-izball huwa fis-sens li kelli naghmel iktar xoghol inhoss li ghandi nithallas tieghu*[11], ma tistax titqies li b'xi mod teghleb dak tassattivament provdut fil-Ligi u konsegwentement tiggustifika t-talba tieghu ghall-hlas.

---

[9] Affidavit ta' l-attur, Dok. "JG" a fol. 31 u 32 tal-process..
[10] 5% x €8,083 = €404.15.
[11] Dok. "JG" a fol. 31 u 32 tal-process.

Waqt it-trattazzjoni orali giet ventilata l-ipotezi, u dana da parte tal-konvenut nomine, li fil-kaz in ezami jista' hemm kwistjoni ta' arrikkiment indebitu, liema arrikkiment indebitu tifhem il-Qorti huwa a beneficcju tal-Kunsill Malti ghall-Isport u a detriment ta' l-attur in kwantu mhux kontestat li l-attur effettivament esegwixxa xoghol iktar minn dak originarjament pattwit. Wara li qieset l-elementi tal-principju guridiku ta' l-arrikkiment indebitu u ta' l- *actio de in rem verso,* li hija l-azzjoni persegwibbli f'kaz ta' arrikkiment indebitu, il-Qorti tqis li tali principju u l-konsegwenzi w implikazzjonijiet guridici ta' l-istess ma jsibux applikazzjoni fil-kaz in ezami.

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cachia v. Yellow Fun Limited, Appell Nru. 1642/03** deciza fl-10 ta' Ottubru 2005, *huwa dottrinalment stabbilit illi l-ftehim konkordat, ossia l-att negozjali bhala espressjoni tal-manifestazzjoni tal-volontà, ma huwiex l-uniku sors ta' l-obbligazzjonijiet. Hu fil-fatt rikonoxxut illi l-arrikkiment ingustifikat jirrientra fil-fonti legali ta' l-obbligazzjoni purchè, s'intendi, jigi stabbilit in-ness kawzali bejn il-vantagg rikavat mit-terz u t-telf jew dannu (f'sens ampju) subit minn min wettaq ix-xoghol jew ivversa hlas jew ippermetta l-uzu ta' l-apparat u materjal proprju tieghu. Skond gurisprudenza pacifika accettata mill-Qrati taghna lil dan ta' l-ahhar hi provduta l-'actio de in rem verso' li kif jinghad hija "rimedju sussidjarju li huwa estiz ghall-kazijiet kollha fejn javvera ruhhu arrikkiment indebitu effettiv a dannu ta' haddiehor. U hija esperibbli fejn mhix esperibbli l-azzjoni ex contractu. ...* L-elementi ta' l-*actio de in rem verso* huma: *(i) l-arrikkiment jigifieri l-haga versata tirrizulta ta' vantagg u utilità ghall-arrikkit, (ii) il-vinkolu ta' kawzalità fis-sens li bejn il-fatt ta' min jagixxi b'din l-azzjoni u bejn l-arrikkiment ikun hemm l-istess rapport ta' bejn kawzali u l-effett taghha, u (iii) il-karattru ingust ta' l-arrikkiment. Dan fis-sens illi l-arrikkit ma jistax jipprevalixxi ruhu minn fatt guridiku li jawtorizzah legalment li jikkunserva l-arrikkiment.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Paris et v. Maltacom p.l.c., Citaz. Nru. 480/02** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Ottubru 2004, gie osservat li *kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Said vs Testaferrata Bonnici" deciza fis-16 ta' Gunju 1936, l-elementi tar-rimedju komunement maghruf bhala 'de in rem verso' huma tlieta, u cioè ' l'arrichimento', 'il vincolo di causalità' u 'il carattere ingiusto dell'arricchimento'. Dan it-tielet element bazikament ifisser illi din l-azzjoni ma hijiex applikabbli meta hemm kuntratt li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-partijiet. Ir-rimedju 'de in rem verso' huwa rimedju sussidjarju li jista' jigi invokat biss meta bejn il-partijiet m'hemmx kuntratt li b'mod espress u definit jorbot il-partijiet (ara "Scicluna vs Watson" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Lulju 1901). Jekk persuna, fuq kuntratt, torbot lilha nfisha ghall-esekuzzjoni ta' xi obbligazzjoni, jekk dak il-kuntratt ikun validu u mhux soggett ghar-rexissjoni, l-istess irid jigi esegwit, u ma jistax jigi sottomess li l-esekuzzjoni ta' dak il-kuntratt johloq arrikiment ingust. Kif jghid il-Baudry-Lacantinerie ("Delle Obbligazioni" Vol. IV pag. 550) biex tista' tirnexxi din l-azzjoni "bisogna che l'arricchito non possa giovarsi di un fatto giuridico che lo autorizzi a conservare l'arricchimento". Jekk ghar-rizultanzi hemm att guridiku, kif inhu kuntratt, ma jistax jinghad li dawk ir-rizultanzi huma senza causa. Hu interessanti l-ezempju li dan l-awtur igib biex isostni dan l-argument:*

*"Un locatario ha fatto fare riparazioni o miglioramenti nell'immobile affittato. Ora, in virtù di una clausola formale del contratto di fitto, i lavori di questa natura eseguiti per ordine del locatario dovranno, alla fine dell'affitto avvantaggiare il proprietario, senza che questo abbia a pagare indennità.' Una volta spirato l'affitto, l'imprenditore, non essendo stato pagato dal locatario, pretende agire de in rem verso contro il proprietario. Gli può questo opporre il diritto che risulta per lui dalla clausola sopra indicata? La giurisprudenza risolve la questione affermativamente, e crediamo che abbia ragione. Se il proprietario può, senza indennità, avvantaggiarsi delle riparazioni o dei miglioramenti realizzati dal locatario, questo vantaggio è stato certamente preso in considerazione nel fissure il prezzo dell'affitto, di guise che il proprietario l'ha ottenuto soltanto con un sacrificio equivalente. Ciò si reduce a dire che in realtà non vi è arricchimento e che quindi manca la prima delle nostre condizioni". Dan hu konformi mal-principju li darba bejn il-partijiet hemm ftheim li jirregola ir-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu prezunt li qabel ma ffirmaw dak il-ftehim qiesu ic-cirkustanzi tal-kaz u l-interessi taghhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor, ancorchè bazat fuq l-ekwità. Il-principju tar-rispett ghal volontà tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftehmu fuqu l-partijiet ghandu 'forza ta' ligi' ghalihom (artikolu 992 tal-Kodici Civili) u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissosstitwixxi ghal dak li ftehmu l-partijiet il-volontà taghha.*

Meta dawn il-principji guridici jigu applikati ghall-kaz in ezami jirrizulta b'mod car li f'dan il-kaz ma jistax japplika l-principju ta' l-arrikkiment indebitu a favur ta' l-attur.

Il-kuntratt in kwistjoni, essendo kuntratt pubbliku, huwa regolat b'Regolamenti *ad hoc*, li kif iktar 'l fuq osservat huma r-Regolamenti ta' l-2005 dwar Kuntratti Pubblici, li jitkellmu b'mod car dwar kif ghandhom jigu trattati varjazzjonijiet li jinqalghu tul l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet. Ghalkemm il-procedura hemm imsemmija trid tigi esegwita mill-Awtorità kontraenti, ma hemmx dubju li l-kuntrattur ghandu kull interess li jara li tali procedura tigi effettivament segwita sabiex id-drittijiet tieghu ma jkunu ppregudikati bl-ebda mod. Kemm-il darba il-kuntrattur ma jissalvagwardax l-interessi tieghu huwa ma jistax in segwitu jsib konfort fil-principju ta' l-arrikkiment indebitu.

Fil-fehma tal-Qorti dak huwa ezattament dak li gara fil-kaz in ezami. Minkejja dak provdut fir-Regolament 77 tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Kuntratti Pubblici dwar il-procedura li trid tigi segwita f'kaz ta' varjazzjonijiet, meta gie biex jesegixxi x-xoghlijiet zejda l-attur halla kollox ghaddej u ma kkawtelax l-interessi tieghu fil-konfront ta' l-Awtorità kontraenti, f'dan il-kaz il-Kunsill Malti ghall-Isport. Ma tressqet l-ebda prova, liema prova se mai kellha titressaq proprio mill-attur, li l-Kunsill Malti ghall-Isport gie infurmat biz-zieda fix-xoghol in kwistjoni qabel ma effettivament gie esegwit ghall-fini li tigi ottenuta l-approvazzjoni mehtiega. Fin-nuqqas ta' tali gharfien ma jistax jinghad li kien hemm il-kunsens mehtieg, la tal-Kunsill Malti ghall-Isport u wisq inqas tad-Direttur tal-Kuntratti, ghall-esekuzzjoni tal-varjazzjoni jew zieda fix-xoghol meritu tal-kontestazzjoni.

F’tali rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **“Joseph Schranz noe v. Accountant General et” Citaz. Nru. 1161/94** deciza fil-5 ta’ Ottubru 2004: *Jigi osservat in tema legali, li ghalkemm huwa minnu li kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta’ ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom [Art.992] u jorbtu lill-istess fit-termini taghhom, kif ukoll li l-kuntratti ghandhom jigu esegiwiti bil-bona fede.[Art.993], pero’ huwa minnu wkoll li dawn jistghu jigu varjati, modifikati u addirittura revokati fi ftehim sussegwenti, purche’ tkun giet osservata l-forma preskritta, fejn ikun il-kaz. Dak li huwa essenzjali huwa l- idem placitum consensus ghal dan it-tibdil, liema fusjoni ta’ kunsens tohloq vinkolu legali gdid. Ir-relevanza qawwija ta’ dawn il-principji fil-kaz odjern, timmanifesta ruhha fil-fatt li, ghalkemm kien sar ftehim ta’ Appalt bejn il-Gvern u l-attur, jidher li waqt l-esekuzzjoni tax-xogholijiet sar tibdil fih li wassal ghal differenza sostanzjali fil-prezz finali minn dak prospettat. Ghalhekk dak li jrid jigi deciz f’dan il-kaz huwa jekk il-varjazzjonijiet mill-kuntratt originali kienux saru bil-kunsens taz-zewg nahat.*

Ghalkemm l-attur jikkontendi li *qabel ma bdejna x-xoghol hadd ma ndikalna x-xoghol fejn kellu jsir u l-Perit kien jinzel darba iva u darba le. Fuq domanda tal-Qorti nghid li l-Perit kien jigi ta’ spiss fuq il-lant tax-xoghol. Ahna ghamilna x-xoghol kollu li spiccajna ghamilna ghalkemm hadd ma ndikalna ezatt fejn ridna nahdmu* [ghalkemm in kontro-ezami ddikjara li kuntrarjament ghal dak dikjarat in ezami l-Perit inkarigat mic-xoghol kien urieh ix-xoghol li kellu jsir] *ghar-raguni li kien hemm erba’ faccati kollha fuq il-fil u dawn l-erba’ faccati kellhom isiru kollha, peress li l-faccati kollha kienu swiedu. Waqt li konna ghaddejjin bix-xoghol, ahna ma rrejalizzajniex li bhala fatt kien hemm aktar minn hames mitt metru. Qed nigi muri dokument li qed jigi esebit u markat bhala dokument PF1 li hija ittra indirizzata lil Joe Cassar li dak iz-zmien kien Chief Executive tal-Kunsill, nikkonferma li l-ittra kont ktibtha jiena u l-firma fuqha hija tieghi. Qed jigi suggerit lili illi fil-kontenut tad-dokument PF1 li ghadu kif gie esebit jirrizulta li jiena kont indunajt bil-metragg zejjed waqt l-esekuzzjoni tax-xoghol, jien dan nichdu ghar-raguni, ghax ma tkunx tista’ tinduna*[12], il-Qorti ma tqisx li huwa kredibbli li l-attur ma ndunax waqt l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet li kien hemm kejl izjed minn dak indikat fit-*Tender*. Jibda biex jinghad li persuna ta’ esperjenza ghandha tinduna mill-ewwel li l-kejl li ssib quddiemha huwa iktar minn dak indikat partikolarment meta z-zieda f’kejl ta’ 500m$^2$ hija ta’ 205m$^2$. Apparte minn hekk bhala materjal l-attur certament haseb ghal 500m$^2$ jew kemm kemm iktar u ghalhekk anke mill-kwantità ta’ materjal utilizzat waqt l-esekuzzjoni tax-xoghol l-attur ma setghax ma jindunax li fil-fatt ix-xoghol li kellu jigi esegwit kien se jeccedi il-kejl ta’ 500m$^2$. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma hemm ebda raguni li tiggustifika il-fatt li l-attur ma insistiex ghall-awtorizzazzjoni mehtiega, u dana anke billi informa lill-Kunsill Malti ghall-Isport biz-zieda fix-xoghol, qabel ma effettivament esegwixxa x-xoghol zejjed.

L-attur jikkontendi wkoll li *nixtieq nispjega wkoll illi meta sar zball simili f’tenders ohrajn li hadt ma’ kumpaniji ohra bhal per ezempju l-impjant ta’*

[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2011, fol. 24 u 25 tal-process.

*Riciklagg ta' Sant' Antnin u l-Iskola tan-Naxxar jien dejjem thallast id-differenza*, izda tali affermazzjoni, anke jekk veritiera, ftit li xejn tista' tkun ta' ghajnuna fil-kaz in ezami ghaliex ma tressqitx prova li turi li c-cirkostanzi f'dawk il-kazijiet kienu identici ghac-cirkostanzi tal-kaz in ezami u lanqas tressqet prova li turi kif gew affrontati l-varjazzjonijiet allegatament riskontrati f'dawk il-progetti.

B'hekk il-Qorti ttenni li fil-fehma taghha meta gie biex jesegixxi x-xoghlijiet zejda l-attur halla kollox ghaddej u ma kkawtelax l-interessi tieghu fil-konfront tal-Kunsill Malti ghall-Isport u dana a detriment tad-drittijiet tieghu stess. Ghaldaqstant it-talba tieghu hija fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ingustifikata u bhala tali ma tisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine tichad it-talba ta' l-attur.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-attur.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------